A.L. 46 ta' l-2005

ATT DWAR IL-PATRIMONJU KULTURALI (KAP.445)

Regolamenti tal-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar it-Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea

BIS-SAĦĦA ta' l-artiklu 55 ta' l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali, il-Ministru għat-Turiżmu u Kultura għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2005 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2003 dwar Treġġigħ Lura ta' Proprjetà Mneħħija Illegalment minn Territorju ta' Stat Membru fl-Unjoni Ewropea, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". Titolu. A.L. 246 ta' l-2003.

2. Minflok ir-regolament 2 tar-regolamenti prinipali għandu jidħol dan li gej: Jissostitwixxi r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

"2. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieg xort'oħra-

"l-Att" ifisser l-Att dwar il-Patrimonju Kulturali;

"kollezzjonijiet pubbliċi" tfisser kollezzjonijiet li huma l-proprjetà ta' Stat Membru, jew xi awtorità lokali jew regjonali f'xi Stat Membru, jew istituzzjoni li tkun tinsab f'dak it-territorju u li tigi definita bħala waħda pubblika skond il-ligijiet ta' dak l-Istat Membru, liema istituzzjoni tkun tappartejeni lil, jew tkun iffinanzjata b'mod sostanzjali minn, dak l-Istat Membru jew minn awtorità lokali jew regjonali;

"mneħħija illegalment minn territorju ta' Stat Membru rikjedenti" tfisser -

(a) it-tneħħija ta' proprjetà mit-territorju ta' Stat Membru bi ksur tal-ligijiet tiegħu dwar il-ħarsien ta' teżori nazzjonali jew bi ksur tar-Regolamenti dwar l-Esportazzjoni ta' Proprjetà Kulturali minn Malta lejn Pajjiżi Terzi 2005;

(b) proprjetà li ma tkunx treggħet lura wara perjodu li fih tkun ġiet imneħħija legalment, jew il-ksur ta' xi kundizzjoni oħra li tirregola dak iċ-ċaqliq temporanju;

"Pajjiż Terz" jfisser stat jew territorju li la jkun hu membru u lanqas ma jkun jappartjeni lil xi Stat Membru;

"proprjetà kulturali" u "patrimonju kulturali" ifissru dik il-proprjetà speċifikata fl-Att u fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti u jinkludu proprjetà kulturali klassifikata, qabel jew wara ma din titneħħa illegalment minn territorju ta' Stat Membru, bħala teżor nazzjonali fil-kuntest tat-tifsira tal-Artiklu 30 tat-Trattat ta' l-Unjoni u din tkun taqa taħt xi waħda mill-kategoriji elenkati fl-Ewwel Skeda iżda ma tkunx tappartjeni għal xi waħda minn dawn il-kategoriji iżda tkun parti integrali minn kollezzjonijiet pubbliċi elenkati fl-inventarji ta' mużewijiet, arkivji jew xi kollezzjoni ta' konservazzjoni ta' bibljoteki, jew għal inventarju ta' istituzzjonijiet ekkleżjastiċi;

"is-Sovrintendenza" tfisser is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali mwaqqfa bl-artikolu 7 ta' l-Att;

"Stat Membru" tfisser kull stat membru, inkluża Malta, ta' l-Unjoni Ewropea;

"Stat Membru rikjedenti" tfisser Stat Membru li mit-territorju tiegħu tkun illegalment tneħħiet il-proprjetà kulturali."

Jissostitwixxi regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Regolament 5 tar-regolamenti prinipali għandu jinbidel b'dan li ġej:

"Twaqqif ta' l-awtorità kompetenti.

5. Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, mwaqqfa bl-artikolu 7 ta' l-Att, hija l-awtorità kompetenti maħtura biex twettaq d-dmirijiet li joħorgu minn dawn ir-regolamenti.".

4. Minflok ir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li gej:

Jissostitwixxi regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

"6. Is-Sovrintendenza għandha -

(a) hekk kif tirċievi applikazzjoni mingħand Stat Membru rikjedenti, tagħti bidu għal proċeduri intiżi biex tfittex il-proprjetà kulturali msemmija li tkun ġiet imneħħija illegalment mit-territorju ta' Stat Membru rikjedenti, bl-iskop li jigi identifikat il-possessur u, jew id-detentur. L-applikazzjoni għandha tkun bil-miktub u tkun tinkludi:

(i) dokument li jiddeskrivi l-proprjetà li dwarha ssir it-talba li jiddikjara li dak l-oġġett ikun proprjetà kulturali, u

(ii) dikjarazzjoni, magħmula mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru rikjedenti li dik il-proprjetà kulturali tkun giet imneħħija illegalment mit-territorju tiegħu, u

(iii) l-informazzjoni kollha meħtieġa bl-intenzjoni li tigi ffaċilitata din it-tfittxija, b'mod partikolari dwar il-post attwali jew preżunt fejn tinsab dik il-proprjetà;

(b) tinnotifika lill-Istat Membru konċernat f'każ li ssib dik il- proprjetà kulturali f'Malta li fuqha jkun hemm suspett serju li dik il-proprjetà kulturali tkun giet imneħħija illegalment mit-territorju ta' l-Istat Membru konċernat;

(ċ) tipprovdi dwar l-ispezzjon fiżiku ta' dik il-proprjetà mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru rikjedenti sabiex jiġi żgurat li l-oġġett hu fil-fatt proprjetà kulturali:

Iżda dak l-ispezzjon għandu jsir fi żmien xahrejn mid-data tan-notifika skond m'hemm provdut fil-paragrafu (b) ta' dan ir-regolament lill-awtorità kompetenti fl-Istat Membru rikjedenti. Jekk dak l-ispezzjon ma jsirx fi żmien stipulat għaldaqshekk, il-paragrafi (d) u (e) ta' dan ir-regolament itemmu milli jibqgħu japplikaw;

(d) tikkopera kif meħtieg ma' l-Istat Membru rikjedenti bl-iskop li tikkonserva fiżikament il-propjetà kulturali msemmija;

(e) taġixxi biex tipprevjeni, b'kull miżura meħtiega f'dak il-waqt, xi azzjoni li tostakola l-proċeduri għat-treġġigħ lura tal-proprjetà;

(f) tikkoordina u tagħmilha ta' intermedjarju bejn l-Istat Membru rikjedenti u l-possessur u, jew id-detentur tal-proprjetà kulturali mnehhija llegalment bl-iskop li tiġi mregggħa lura dik il-propjeta kulturali lejn il-pajjiż ta' oriġini tagħha. Dan għandu jinkludi l-kordinament biex jinbdew proċeduri ta' arbitraġġ skond il-liġi ta' Malta bejn l-Istat Membru rikjedenti u l-possessur u, jew id-detentur ta' dik il-proprjetà kulturali.".

Jissostitwixxi regolament 7 tar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidhol dan li gej:

"7. (1) Stat Membru rikjedenti għandu d-dritt jibda proċeduri legali quddiem il-Qorti kompetenti f'Malta kontra l-possessur jew, fin-nuqqas, id-detentur ta' dik il-proprjetà kulturali bl-iskop li jiżgura t-treġġigħ lura tal-proprjetà kulturali li tkun giet imneħħija illegalment mit-territorju ta' dak l-Istat Membru rikjedenti.

(2) Salv għal dak xort'oħra provdut f'regolament 8, il-qorti kompetenti għanda tordna t-treġġigħ lura tal-proprjetà kulturali msemmija meta dik il-proprjetà tkun klassifikata bħala proprjetà kulturali u jirriżulta li tkun ġiet imneħħija illegalment mit-territorju ta' l-Istat Membru rikjedenti.

(3) Il-proċedimenti jistgħu biss jinbdew wara li ssir applikazzjoni bil-miktub skond m'hemm provdut f'regolament 6(a). Barra minn hekk, id-dokument u d-dikjarazzjoni imsemmija f'regolament 6(a) għandhom jiġu ppreżentati fil-qorti mill-attur meta tibda tinstama' l-kawża.

(4) L-awtorita ċentrali ta' l-Istat Membru rikjedenti għandha minnufih tinforma lis-Sovrintendenza bil-bidu tal-proċedimenti intiżi biex jiżguraw t-treġġigħ lura tal-proprjetà kulturali. Is-Sovrintendenza għandha minnufih tgħarraf lill-awtoritajiet ċentrali ta' l-Istati Membri l-oħra.".

Jemenda r-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fis-subregolament (1) tar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "tal-pajjiż mitlub jibgħat lura l-oġġett" għandha tidhol il-kelma "Malta".

7. R-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:- Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

a. fis-subregolament (1), minflok il-kliem "liġijiet nazzjonjali ta' l-Istat Membru involut" għandhom jidħlu l-kliem "liġijiet ta' Malta"; u

b. fis-subregolament (2), minflok il-kliem "liġi ta' l-Istat Membru li tkun saritlu t-talba" għandhom jidħlu l-kliem "liġi ta' Malta".

8. Minflok is-subregolament (3) tar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej: Jemenda regolament 10 tar-regolamenti prinċipali.

"(3) Dawn il-proċedimenti ma jistgħu, f'ebda każ, jinġiebu quddiem il-qorti kompetenti ta' Malta iktar minn tletin sena wara li proprjetà kulturali tkun giet imneħħija illegalment mit-territorju ta' l-Istat Membru rikjedenti. Madankollu, fil-każ ta' proprjetà li tkun tagħmel parti minn kollezzjonijiet pubbliċi elenkati fl-inventarji ta' mużewijiet, arkivji jew kollezzjonijiet ta' konservazzjoni ta' bibljoteki, u beni ekkleżjastiċi fl-Istat Membru fejn ikunu soġġetti għal arranġament ta' protezzjoni speċjali taħt il-liġi nazzjonali, il-proċeduri għat-treġġigħ lura jkunu soġġetti għal perjodu li ma jiskadix il-ħamsa u sebgħin sena, minbarra fi Stat Membru rikjedenti fejn il-proċeduri ma jkunu soggetti għal ebda skadenza ta' terminu, jew fil-każ ta' ftehim bilaterali bejn Malta u l-Istat Membru rikjedenti li jistipula terminu li jeċċedi l-ħamsa u sebgħin sena.".

9. Ir-regolamenti 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu mħassra u regolamenti 13 u 14 jiġu rinumerati 11 u 12. Tħassar regolamenti 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali.

10. Fis-subregolament (4) tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "proprjetà ta' l-Istat li jkollu l-obbligu li jikkonservah u li jagħmel" għandhom jidħlu l-kliem "proprjetà ta' Malta li jkollha l-obbligazzjoni li tikkonservah u li tagħmel". Jemenda r-regolament 14 tar-regolamenti prinċipali.

11. Minnnufih fi tmiem ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandha tiżdied din l-iskeda li gejja : Iżid l-Ewwel Skeda mar-regolamenti prinċipali.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 2)

Kategoriji msemmija fit-tifsira “propjeta kulturali” u “patrimonju kulturali” fir-regolament 2 li fihom għandhom jitqegħdu oġġetti meqjusa bħala ‘teżori nazzjonali’ skond it-tifsira f’Artiklu 36 tat-Trattat tal-Unjoni biex jkunu jistgħu jikkwalifikaw biex jitreġġgħu lura skond dawn ir-regolamenti.

A. 1. Materjal arkeoloġiku li għandu aktar minn 100 sena u li huwa riżultat ta’:

- skavi fuq l-art jew taħt l-ilma u oġġetti misjuba,
- siti arkeoloġiċi
- kollezzjonijiet ta’ xorta arkeoloġika.

2. Elementi li jiffurmaw parti integrali minn monumenti artistiċi, storiċi jew reliġjużi, li ġew żmembrati, u aktar minn 100 sena.

3. Disinji tpinġija u pitturi, li m’humiex dawk inklużi f’Kategorija 3 A jew 4, magħmulin għal kollox bl-idejn fuq kull materjal u b’kull mezz ([1]).

3A. Akwarelli, *gouaches* u *pastels* magħmulin għal kollox bl-idejn fuq kull materjal ([1]).

4. Mużajk ta’ kull materjal, maħdum għal kollox bl-idejn, apparti dawk li jaqgħu f’Kategoriji 1 jew 2, u disinji b’kull mezz magħmula għal kollox bl-idejn fuq kull materjal ([1]).

5. Inċiżjonijiet, stampi, serjografiji u litografiji oriġinali bil-pjani rispettivi u manifesti oriġinali tagħhom ([1]).

6. Skultura oriġinali jew statwarja u kopji magħmulin bl-istess proċess bħal fl-oriġinali ([1]) ħlief dawk f’kategorija 1.

7. Fotografiji, filmati u n-negattivi tagħhom ([1]).

8. *Incunabula* u manuskritti, inklużi mapep u partituri mużikali, kemm waħdiet kemm parti minn kollezzjoni ([1]).

9. Kotba li għandhom iktar minn 100 sena, kemm waħdiet kemm parti minn kollezzjoni.

10. Mapep stampati li għandhom iktar minn 200 sena.

11. Arkivji u elementi marbuta magħhom, ta' kull xorta, fuq kull materjal, inklużi elementi li għandhom iktar minn 50 sena.

12. (a) Kollezzjonijiet u eżempji minn kollezzjonijiet żooloġiċi, botaniċi, mineraloġiċi u anatomiċi;

(b) Kollezzjonijiet ta' interess storiku, paleontoloġiku, etnografiku jew numismatiku.

13. Mezzi tat-trasport li għandhom aktar minn 75 sena.

14. Kull antikità oħra li mhix inkluża f'Kategoriji A 1 sa A 13, li għandha aktar minn 50 sena.

L-oġġetti ta' xorta kulturali f'Kategoriji A 1 sa A 14 jaqgħu taħt dawn ir-regolamenti biss jekk il-valur tagħhom ikun jikkorrispondi mal-limiti finanzjarji f'Taqsima B jew ikun aktar għoli minnhom.

B. Limiti ta' ammonti finanzjarji li għandhom japplikaw għal ċerti kategoriji taħt parti A

VALUR:

Ikun xi jkun il-valur

- 1 (Materjal arkeoloġiku)
- 2 (Monumenti żmembrati)
- 8 (*Incunabula* u manuskritti)
- 11 (Arkivji)

Lm 6,000

- 4 (Mużajk u disinji)
- 5 (Inizjonijiet)
- 7 (Fotografiji)
- 10 (Mapep stampati)

Lm 12,000

- 3A (Akwarelli, *gouaches* u *pastels*)

Lm 20,000

- 6 (Statwarja)
- 9 (Kotba)
- 12 (Kollezzjonijiet)

B 438

- 13 (Mezzi tat-trasport)
- 14 (Kull oġġett ieħor)

Lm 60,000

- 3 (Pitturi)

L-istima dwar jekk il-kondizzjonijiet dwar il-valuri finanzjarji humiex osservati mħarsa jew le għandha ssir meta jiġi mitlub it-treġġiegħ lura. Il-valur finanzjarju jkun dak ta' l-oġġett f'Malta.

([1]) Li għandhom iktar minn ħamsin sena u ma jappartjenux għal min għamilhom.